# Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea"

*COM(2013) 404 final – 2013/0185 (COD)*

**u il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar "l-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi għad-danni bbażati fuq ksur tal-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea"**
***C(2013) 3440***

(2014/C 67/16)

Relatur: **is-Sinjura MADER**

Nhar l-1 ta' Lulju u t-8 ta' Lulju 2013, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill rispettivament iddeċidew, b'konformità mal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jikkonsultaw lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea*

COM(2013) 404 final – 2013/0185 (COD).

Nhar it-8 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ddeċidiet, b'konformità mal-Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

*il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kwantifikazzjoni tad-dannu f'kawżi għad-danni bbażati fuq ksur tal-Artikolu 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*

C(2013) 3440.

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għas-Suq Uniku, il-Produzzjoni u l-Konsum, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it-2 ta' Ottubru 2013.

Matul l-493 sessjoni plenarja tiegħu li saret fis-16 u s-17 ta' Ottubru 2013 (seduta tas-16 ta' Ottubru), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-Opinjoni b'133 vot favur, vot wieħed (1) kontra u 4 astensjonijiet.

## 1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

### 1.1 *Konklużjonijiet ġenerali*

1.1.1 In-nuqqas ta' regoli nazzjonali li jirregolaw b'mod adegwat l-azzjonijiet għad-danni u, min-naħa l-oħra, id-disparità bejn il-liġijiet nazzjonali, ipoġġu lill-vittmi, iżda wkoll lill-awturi tal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, f'pożizzjoni ta' inugwaljanza.

1.1.2 Dan jista' jagħti wkoll vantaġġ kompetittiv lill-intrapriżi li kisru l-Artikoli 101 jew 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), iżda li ma għandhomx is-sede tagħhom fi Stat Membru li l-leġislazzjoni tiegħu hija favorevoli, jew li mhumiex attivi f'dan l-istess Stat.

1.1.3 Dawn id-differenzi fir-reġimi ta' responsabbiltà jaffettwaw b'mod negattiv il-kompetizzjoni u jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

1.1.4 Għalhekk, il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja u tagħmilha possibbli li l-vittmi jiksbu kumpens.

1.1.5 Madankollu, il-KESE huwa tal-fehma li t-test jipproteġi wisq l-interessi tal-intrapriżi li jibbenefikaw minn programmi ta' klemenza, u dan jagħmel ħsara lill-vittmi. Ċerti dispożizzjonijiet tal-Proposta għal Direttiva jillimitaw l-azzjoni tagħhom għax jissejsu fuq l-idea li dawk li jitolbu għal programmi ta' klemenza għandhom ikunu protetti bil-qawwa kontra l-azzjonijiet għad-danni.

1.1.6 Fl-aħħar nett, jeħtieġ li jkun hemm approssimazzjoni bejn il-Proposta għal Direttiva u r-Rakkomandazzjoni dwar prinċipji komuni applikabbli għall-mekkaniżmi ta' azzjoni kollettiva ta' inġunzjoni u kumpens fl-Istati Membri f'każ ta' ksur tad-drittijiet mogħtija mil-Liġi tal-Unjoni (Commission Recommendation on common principles for injunctive and compensatory collective redress mechanisms in the Member States concerning violations of rights granted under Union Law) ([1]) peress li ż-żewġ testi jipprevedu li l-Istati Membri kollha għandu jkollhom mekkaniżmi nazzjonali ta' rimedju kollettiv, b'mod partikolari dwar l-azzjonijiet għad-danni.

([1]) ĠU L 201, 26.7.2013, p. 60.

1.2 *Rakkomandazzjonijiet dwar il-Proposta għal Direttiva*

1.2.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Proposta għal Direttiva dwar l-azzjonijiet għad-danni fil-qasam tal-kompetizzjoni.

1.2.2 Il-Kumitat huwa tal-fehma li l-aċċess għall-evidenza huwa kwistjoni essenzjali biex jiġu eżerċitati d-drittijiet ta' rikors u japprova d-dispożizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni biex jiġi awtorizzat aċċess proporzjonat għal informazzjoni rilevanti u meħtieġa għall-azzjoni, taħt kontroll ġudizzjarju.

1.2.3 Bħall-Kummissjoni, jappoġġja l-programmi ta' klemenza li jagħmluha possibbli li jiġu identifikati bosta każijiet ta' ksur u jemmen li l-intrapriżi ma għandhomx jiġu skoraġġuti milli jikkooperaw, filwaqt li jiġi kkunsidrat li dawn il-programmi ma għandhomx jipproteġu lill-intrapriżi lil hinn minn dak li huwa strettament meħtieġ. B'mod partikolari, tali programmi ma għandhomx jeħilsuhom mill-obbligu li jħallsu d-danni lill-vittmi.

1.2.4 Il-KESE jappoġġja d-dispożizzjoni li għandha l-għan li tiżgura li ladarba deċiżjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew korp ta' rikors issir definittiva ma jistax jinxteħet dubju fuqha mill-qrati li jittrattaw l-azzjoni għad-danni.

1.2.5 Bl-istess mod, japprova l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-bidu tal-perjodu ta' preskrizzjoni li jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li għamel fl-Opinjoni tiegħu dwar il-White Paper u jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-iskadenzi meta jitressqu proċedimenti quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

1.2.6 Il-KESE ħa nota tal-prinċipju tal-obbligazzjoni *in solidum* u tal-arranġamenti previsti f'każ ta' programmi ta' klemenza. Madankollu, jinsab imħasseb dwar l-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-diffikultajiet biex jiġi stabbilit il-livell ta' responsabbiltà ta' kull intrapriża.

1.2.7 Il-KESE jemmen li huwa indispensabbli li jiġu evitati sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ħlasijiet mhux ġustifikati. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon id-dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ispejjeż żejda, li jiżguraw li l-kumpens jitħallas lill-persuna li verament tkun ġarrbet ħsara, u jtejbu b'mod sostanzjali l-possibbiltajiet għall-konsumaturi u l-intrapriżi ż-żgħar li jirċievu kumpens għall-ħsara mġarrba.

1.2.8 Il-KESE jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-utilità li jista' jkollhom soluzzjonijiet straġudizzjarji, bil-kundizzjoni li jkunu ta' kwalità tajba, indipendenti u jibqgħu fakultattivi. Barra minn hekk, huwa tal-fehma li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ma jistgħux jipprovdu soluzzjoni kredibbli għall-vittmi sakemm ma jkunx hemm mekkaniżmi ta' soluzzjonijiet straġudizzjarji effettivi, b'mod partikolari azzjoni kollettiva.

1.2.9 L-approssimazzjoni bejn il-Proposta għal Direttiva u r-Rakkomandazzjoni dwar ir-rimedju kollettiv hija assolutament meħtieġa peress li ż-żewġ testi jipprevedu li l-Istati Membri jkollhom mekkaniżmi nazzjonali ta' rimedju kollettiv, b'mod partikolari għall-azzjonijiet għad-danni.

F'dan ir-rigward, il-Kumitat jilmenta dwar il-fatt li tneħħiet it-tnedija ta' azzjoni kollettiva li kellha tkun il-mekkaniżmu effettiv għall-konsumaturi, u minflok inħolqot rakkomandazzjoni li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jkollhom mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv li mhuwiex vinkolanti.

1.3 *Rakkomandazzjonijiet dwar il-Komunikazzjoni*

1.3.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-ħsara li jġarrbu l-vittmi ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

1.3.2 Huwa tal-fehma li d-dritt għal kumpens għall-ħsara kollha kkawżata minn prattika antikompetittiva huwa dritt fundamentali u li l-azzjoni għad-danni tikkompleta b'mod utli l-azzjoni tas-setgħat pubbliċi u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

1.3.3 Fl-aħħar nett, il-Kumitat jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar id-diffikultà li tiġi vvalutata l-ħsara. Huwa jemmen li l-orjentazzjonijiet miġburin fil-"gwida prattika" annessa mal-Komunikazzjoni għandhom jipprovdu għajnuna siewja għall-qrati u l-partijiet, filwaqt li jżommu l-indipendenza tal-maġistratura nazzjonali fir-rigward tar-regoli nazzjonali eżistenti.

## 2. **Il-proposti tal-Kummissjoni**

2.1 *Il-Proposta għal Direttiva*

2.1.1 Wara proċedura ta' konsultazzjoni wiesgħa ħafna ([2]), fil-11 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea.

2.1.2 L-għan tal-Kummissjoni huwa li tiżgura li l-Artikoli 101 u 102 u l-liġijiet nazzjonali dwar il-kompetizzjoni jkunu totalment effettivi billi tagħmilha possibbli li kulħadd, humiex konsumaturi, intrapriżi jew awtoritajiet pubbliċi, jitlob kumpens għal ħsara kkawżata minn prattiki kompetittivi, hi x'inhi n-natura tagħha.

2.1.3 Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni għll-fatt li t-taħlita ta' azzjonijiet pubbliċi u privati hija meħtieġa u komplementari għall-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni.

([2]) Konsultazzjoniet dwar il-Green Paper tal-2005 u l-White Paper tal-2008.

2.1.4 Hija tenfasizza li bħalissa hemm bosta ostakli u anke inċertezza legali, b'mod partikolari minħabba d-differenzi fir-regoli fi ħdan l-Istati Membri, li qed idgħajfu l-effettività tal-liġi u l-funzjonament tajjeb tas-suq.

2.1.5 Sabiex jittaffew l-inugwaljanzi bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni ġudizzjarja tad-drittijiet garantiti mit-Trattat u n-nuqqas ta' qafas effettiv f'ċerti pajjiżi għall-kumpens tal-vittmi ta' ksur tal-Artikoli 101 u 102, hija tipproponi li jiġu stabbiliti standards komuni bil-għan li:

— jittejjeb l-aċċess għall-evidenza, sabiex jiġi rispettat il-prinċipju tal-proporzjonalità, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet marbutin mal-proċeduri ta' klemenza u t-tranżazzjonijiet, li tagħhom hija tenfasizza l-importanza;

— jiġi previst li d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni li jidentifikaw ksur jikkostitwixxu awtomatikament evidenza tal-eżistenza tal-ksur quddiem il-ġurisdizzjonijiet tal-Istati Membri;

— jiġu żviluppati regoli dwar il-preskrizzjoni sabiex jiġi evitat li l-iskadenzi jinqabżu qabel ma l-vittmi jkollhom iċ-ċans jiddefendu d-drittijiet tagħhom;

— jiġi stabbilit prinċipju tas-solidarjetà tal-intrapriżi filwaqt li jinzammu regoli iżjed favorevoli f'każ ta' klemenza sabiex jinżammu l-effetti pożittivi tal-kooperazzjoni;

— jiġu sabbiliti regoli li jikkunsidraw it-trasferiment tal-ispejjeż;

— tiġi stabbilita suppożizzjoni sempliċi ta' ħsara f'każ ta' kartell;

— jitħeġġeġ ir-rikors għall-mekkaniżmi konsenswali ta' soluzzjoni għat-tilwim, billi tiġi prevista s-sospensjoni tal-preskrizzjonijijiet matul din il-fażi.

2.2 *Il-Komunikazzjoni*

2.2.1 Dan it-test jgħid li l-Artikoli 101 u 102 tat-TFUE jikkostitwixxu dispożizzjonijiet ta' ordni pubbliku bil-għan li jiżguraw li ma jkunx hemm distorsjoni fil-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern, u joħolqu wkoll drittijiet u obbligi għall-intrapriżi jew il-konsumaturi li huma protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2.2.2 Il-Komunikazzjoni mbagħad tiffoka fuq id-diffikultà li tiġi kkwantifikata l-ħsara f'kawżi dwar il-kompetizzjoni u l-fatt li din ir-responsabbiltà tiġi fdata lill-qrati nazzjonali, li madankollu jistgħu jirreferu għal gwida prattika mħejjija mis-servizzi tal-Kummissjoni.

2.2.3 Sabbiex tikkomplementa l-Proposta għal Direttiva, il-Kummissjoni annessat gwida prattika mal-Komunikazzjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-ħsara.

2.2.4 Din il-gwida purament informattiva ma torbotx lill-maġistratura nazzjonali jew lill-partijiet. L-għan tagħha huwa li tagħmel disponibbli għall-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u l-partijiet ikkonċernati informazzjoni dwar il-metodi u t-tekniki użati biex jikkwantifikaw il-ħsara.

## 3. **Kummenti ġenerali dwar il-Proposta għal Direttiva**

3.1 Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-White Paper dwar azzjonijiet għad-danni għal ksur tar-regoli tal-KE dwar l-antitrust, il-KESE kien enfasizza l-bżonn li jiġu adottati miżuri bil-għan li jittejbu l-kundizzjonijiet legali li taħthom il-vittmi ta' prattika antikompetittiva jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jitolbu kumpens għall-ħsara mġarrba. Għalhekk, jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li ser tikkontribwixxi biex jitneħħew l-ostakli identifikati.

3.2 Huwa tal-fehma li l-azzjoni għad-danni għandha tikkomplementa l-azzjoni tas-setgħat pubbliċi u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u li r-rwol dissważiv tagħha ser ikollu effett tajjeb.

3.3 Huwa jemmen li l-azzjoni għad-danni hija dritt fundamentali għall-vittmi, li jistgħu jkunu konsumaturi u/jew intrapriżi u għandha twassal għall-kumpens tal-ħsara kollha mġarrba minħabba l-prattiki antikompetittivi.

3.4 Fil-fatt, id-dritt li jintalab kumpens għall-ħsara mġarrba ġie affermat kemm-il darba mill-2001 'l hawn: il-Qorti tal-Ġustizzja ħarġet sentenza li kulħadd jista' jitlob kumpens għal tali ħsara ([3]). Barra minn hekk, l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali jirrikonoxxi d-dritt għal rimedju effettiv f'każ ta' ksur tad-drittijiet garantiti mil-liġi tal-Unjoni.

3.5 Bħall-Kummissjoni, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-programmi ta' klemenza jgħinu biex jiġu identifikati bosta każijiet ta' ksur u jemmen li l-intrapriżi ma għandhomx jiġu skoraġġuti milli jikkooperaw. Madankollu, huwa tal-fehma li l-programmi ta' klemenza ma għandhomx jipproteġu lill-intrapriżi b'mod assolut, u ma għandhomx ixekklu d-dritt tal-vittmi li jirċievu kumpens.

3.6 Huwa ħa nota tal-fatt li l-Proposta għal Direttiva hija kkomplementata minn rakkomandazzjoni li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkanizmi ta' rimedju kollettiv biex jiggarantixxu li l-persuni soġġetti għal proċess ġudizzjarju jkollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja. Il-KESE jilmenta dwar il-fatt li l-proposta ma tindirizzax it-tnedija ta' proċedura ta'

([3]) Kawża C-453/99 (Courage u Crehan) u l-Kawżi Magħquda C-295 sa 298/04 (Manfredi, Cannito, Tricarico u Murgolo).

azzjoni kollettiva, l-uniku mekkaniżmu li jista' jiżgura l-effettività sħiħa tar-rimedju u li l-aċċess għal rimedju kollettiv jinsab f'rakkomandazzjoni li mhijiex vinkolanti. Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni toħroġ liġijiet dwar din il-kwistjoni.

3.7 Fl-aħħar nett, il-Kumitat jaqbel mal-analiżi tal-Kummissjoni dwar id-diffikultà li tiġi vvalutata l-ħsara. Huwa jemmen li l-orjentazzjonijiet miġburin fil-"gwida prattika" għandhom jipprovdu għajnuna siewja għall-qrati u l-partijiet ikkonċernati, filwaqt li jħallu lok għall-interpretazzjoni fir-rigward tar-regoli nazzjonali eżistenti.

## 4. **Kummenti ġenerali dwar il-Proposta għal Direttiva**

4.1 *L-aċċess għall-evidenza*

4.1.1 Il-KESE jemmen li l-aċċess għall-evidenza huwa kwistjoni fundamentali biex ikun possibbli li l-fajls jiġu eżaminati.

4.1.2 Bl-istess mod, huwa jemmen li jeħtieġ li jiġi previst aċċess għall-evidenza b'mod li l-vittmi jkunu jistgħu jiksbu l-informazzjoni rilevanti li għandhom bżonn għall-azzjoni tagħhom għad-danni.

4.1.3 Madankollu, huwa tal-fehma li dan l-aċċess għandu jibqa' taħt il-kontroll tal-ġurisdizzjonijiet u li d-divulgazzjoni għandha tkun proporzjonata sabiex jiġu ppreservati d-drittijiet tal-partijiet ikkonċernati.

4.1.4 L-istess bħad-Direttiva 2004/48/KE dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali [4], il-Proposta għal Direttiva tiddefinixxi d-divulgazzjoni tal-evidenza billi tiggarantixxi li l-Istati Membri kollha jagħtu aċċess effettiv minimu għall-evidenza li l-prosekuturi u/jew id-difensuri għandhom bżonn biex ikollhom ġustifikazzjoni għat-talba tagħhom għad-danni, u/jew biex iressqu difiża.

4.1.5 Din id-definizzjoni tnaqqas l-inċertezza legali maħluqa mis-sentenza Pfleiderer [5], li skontha, fin-nuqqas ta' leġislazzjoni Ewropea dwar l-aċċess għall-informazzjoni miksuba minn awtorità nazzjonali fil-qafas ta' programm ta' klemenza, huwa f'idejn il-maġistratura nazzjonali li tiddetermina, skont il-każ u l-liġi nazzjonali, il-kundizzjonijiet li taħthom għandha tiġi awtorizzata jew rifjutata d-divulgazzjoni tad-dokumenti marbutin mal-proċedura ta' klemenza lill-vittmi ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

4.1.6 Fl-aħħar nett, l-Artikolu 6 tal-Proposta għal Direttiva jipprevedi protezzjoni assoluta għad-dikjarazzjonijiet korporattivi ta' klemenza u għas-sottomissjonijiet ta' ftehim.

4.1.7 Jipprevedi wkoll protezzjoni temporanja, sakemm tintemm il-proċedura, għad-dokumenti mħejjija speċifikament mill-partijiet ikkonċernati għall-ħtiġijiet relatati mal-infurzar pubbliku tal-liġi (tweġibiet għal talba għall-informazzjoni mill-awtorità tal-kompetizzjoni, dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet).

4.1.8 Il-KESE japprova li l-omissjoni, ir-rifjut li ssir divulgazzjoni jew il-qerda tal-evidenza jiġu sanzjonati b'mod effettiv, proporzjonat u dissważiv.

4.1.9 Id-dettalji inkwistjoni jikkonċernaw b'mod iżjed preċiż lill-intrapriżi involuti fi proċedura mibdija mill-awtorità tal-kompetizzjoni li tinvolvi l-fatti li kienu fl-għeruq tal-azzjoni għad-danni (element oġġettiv) u/jew li kienu jafu jew li kellhom ikunu jafu b'mod raġonevoli li l-każ kien qed jiġi trattat jew kien ser jiġi ttrattat mill-maġistratura nazzjonali.

4.2 L-effet tad-deċiżjonijiet nazzjonali: il-KESE jappoġġja d-dispożizzjoni li għandha l-għan li tiżgura li ladarba deċiżjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew korp ta' rikors issir definittiva ma jistax jinxteħet dubju fuqha mill-qrati li jittrattaw l-azzjoni għad-danni.

4.3 *Perjodi ta' preskrizzjoni*

4.3.1 Il-KESE jemmen li huwa essenzjali li jiġu stabbiliti regoli dwar kif jiġu kkalkulati l-perjodi ta' preskrizzjoni bil-għan li jitħarsu d-drittijiet tal-vittmi.

4.3.2 Huwa japprova l-proposti tal-Kummissjoni dwar il-bidu tal-perjodu ta' preskrizzjoni li jinkludu r-rakkomandazzjonijiet li għamel fl-Opinjoni tiegħu dwar il-White Paper u jappoġġja d-dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni tal-iskadenzi meta jitressqu proċedimenti quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni. Dawn id-dispożizzjonijiet jiggarantixxu lill-vittmi d-dritt ta' rimedju effettiv. Madankollu, il-Kumitat huwa tal-fehma li s-sospensjoni tista' tiżdied għal sentejn wara d-data li fiha d-deċiżjoni li tiddikjara ksur issir definittiva.

4.4 *Responsabbiltà*

4.4.1 Il-KESE ħa nota tal-prinċipju tas-solidarjetà li ma jistax jiġi kkontestat.

4.4.2 Huwa jistaqsi lilu nnifsu liema huma l-arranġamenti previsti f'każ li waħda mill-intrapriżi tkun ipparteċipat fi programm ta' klemenza, b'mod partikolari d-diffikultà li tingħata prova jew li tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' kull waħda minnhom u li jiġi vvalutat il-kontribut tagħhom fir-rigward tal-kapaċitajiet finanzjarji tagħhom.

4.5 *Trasferiment tal-ispejjeż żejda*

4.5.1 Il-KESE jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Proposta għal Direttiva tipprevedi dispożizzjonijiet dwar it-trasferiment tal-ispejjeż żejda dovuti għall-prattiki qarrieqa. Fil-fatt, jemmen li huwa indispensabbli li jiġu evitati sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ħlasijiet mhux ġustifikati.

[4] ĠU L 195, 30.4.2004, p. 45-86 (edizzjoni speċjali bil-Malti).
[5] Kawża C-360/09.

4.5.2 Huwa tal-fehma li l-preżunzjoni fl-Artikolu 13 dwar ix-xerrejja indiretti hija mezz importanti biex jiġi żgurat li l-kumpens jitħallas lill-persuna li verament tkun ġarrbet ħsara, u ttejjeb b'mod sostanzjali l-possibbiltajiet għall-konsumaturi u l-intrapriżi ż-żgħar li jirċievu kumpens għall-ħsara mġarrba.

4.5.3 Il-Kumitat jappoġġja l-prinċipju tal-kumpens sħiħ għall-ħsara kif definit fl-Artikolu 2 u ripetut fl-Artikolu 14.

4.6 *Kwantifikazzjoni tal-ħsara*

4.6.1 Il-KESE jappoġġja l-prinċipju tal-preżunzjoni tal-ħsara f'każ ta' kartell stabbilit, fis-sens li din il-preżunzjoni tneħħi ostaklu għall-azzjonijiet għad-danni, filwaqt li żżomm id-drittijiet tal-intrapriża li tkun wettqet il-ksur.

4.6.2 Huwa tal-fehma li s-semplifikazzjoni tal-evidenza trid tkun sufficjenti b'mod li ma xxekkilx l-azzjonijiet għad-danni, fid-dawl tal-fatt li huwa dejjem diffiċli li tiġi stabbilita fil-qasam tal-kompetizzjoni.

4.6.3 Il-KESE jaqbel li tkun disponibbli "gwida prattika" bħal dik annessa mal-Komunikazzjoni peress li tagħti lill-partijiet ċerta sigurtà biex jiġi ffissat l-ammont tad-danni.

4.7 *Soluzzjoni kunsenswali għat-tilwim*

4.7.1 Il-KESE jieħu nota tal-analiżi tal-Kummissjoni dwar l-interess li jistgħu jqanqlu s-soluzzjonijiet kunsenswali, li jagħmluha possibbli li tinstab soluzzjoni ġusta bi spiża inqas, u japprova d-dispożizzjonijiet proposti dwar is-sospensjoni tal-perjodi ta' preskrizzjoni u l-effetti tas-soluzzjonijiet kunsenswali dwar l-azzjonijiet ġudizzjarji, li ser jinkoraġġixxu r-rikors għal dawn is-sistemi.

4.7.2 Madankollu, huwa jfakkar li l-appoġġ għal dawn il-mekkaniżmi huwa bbażat fuq is-suppożizzjoni li jkunu ta' kwalità tajba, indipendenti u li jibqgħu fakultattivi, b'mod li ma jillimitawx ir-rikors għall-qrati taħt kwalunkwe ċirkustanza.

4.7.3 Barra minn hekk, kif enfasizza fl-Opinjoni tiegħu dwar il-White Paper, il-Kumitat huwa tal-fehma li l-mekkaniżmi ta' soluzzjoni alternattiva għat-tilwim ma jistgħux jipprovdu soluzzjoni kredibbli għall-vittmi sakemm ma jkunx hemm mekkaniżmi ta' soluzzjonijiet straġudizzjarji effettivi, b'mod partikolari l-azzjoni kollettiva.

4.8 Valutazzjoni: il-Kumitat jappoġġja l-politika ta' valutazzjoni tal-Kummissjoni sabiex jinstiltu tagħlimiet minnha u, f'każ ta' bżonn, jiġu adottati l-miżuri meħtieġa.

## 5. **Kummenti dwar il-Komunikazzjoni**

5.1 Il-vittmi ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni li jitolbu danni għall-ħsara li jġarrbu jistgħu jiffaċċjaw bosta ostakli minħabba d-differenzi bejn ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali dwar il-kwantifikazzjoni tal-ħsara.

5.2 Id-dritt għal rimedju effettiv ma għandux jixxekkel minn ostakli sproporzjonati li jżidu mad-diffikultà inerenti tal-kwantifikazzjoni tal-ħsara fil-kawżi tal-kompetizzjoni: fil-fatt, huwa impossibbli li jiġi ddeterminat preċiżament kif kienu jiżvolġu l-kundizzjonijiet u l-imġiba tal-atturi tas-suq fin-nuqqas ta' ksur. Nistgħu biss nimmaġinaw xenarju potenzjali.

5.3 Il-KESE huwa tal-fehma wkoll li l-gwida prattika tista' tkun għodda utli għall-maġistratura nazzjonali li l-indipendenza tagħha hija rispettata min-natura purament informattiva tal-gwida u l-fatt li mhijiex legalment vinkolanti.

5.4 Taħt kull ċirkustanza, hija l-liġi applikabbli li tiddetermina l-metodu tal-kwantifikazzjoni tad-danni fir-rigward taċ-ċikustanzi partikolari ta' kawża speċifika.

5.5 Il-qorti li tittratta l-kawża għandha wkoll tikkunsidra d-data disponibbli, ir-riżorsi għad-dispożizzjoni tagħha rigward spejjeż u żmien, u tivvaluta l-proporzjonalità tagħhom rigward il-valur tat-talba għad-danni mressqa mill-vittma.

Brussell, 16 ta' Ottubru 2013.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Henri MALOSSE